Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Numru. 49/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Raymond Cassar)**

**v**

**Roderick Coleiro ta' 21 sena**
**iben Nicholas u Theresa nee Borg,**
**imwieled Pieta' nhar il-31 ta' Awissu, 1983,**
**li joqghod fil-fond Flat 4, Block 3, Door B,**
**Qasam tal-Bini tal-Gvern, Siggiewi,**
**detentur tal-karta tal-identita' bin-numru**
**458283 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Roderick Coleiro li gie akkuzat talli
(1) fil-15 ta' Jannar, 2005 u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-gzejjer xjentement xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa li ma jeccedix l-elf lira Maltin u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) u talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu f'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL. D. nhar it-12 ta' Dicembru, 2003.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll li l-akkuzat ghalkemm irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti, irtira l-istess ammissjoni fis-seduta ta' 8 ta' Marzu, 2006.

Semghet il-provi kollha u kkonsidrat illi certament mix-xhieda ta' Stephen Farrugia jirrizulta illi l-oggetti misjuba ghand l-akkuzat huma dawk li gew misruqa lilu mill-vettura tieghu. Illi fil-fatt harsa lejn l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat tirrizulta x-xjenza necessarja biex jigi pruvat u kostitwit ir-reat ta' ricettazzjoni.

Pero' fil-konfront tas-sentenza esebita din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-preokkupazzjoni murija mill-abbli Avukat Difensur in kwantu l-istess sentenza tippunixxi ghall-istess reat li Roderick Coleiro hemm bil-provizjoni tas-sentenza sospiza ai termini ta' l-artiklu 28A tal-Kapitlu 9 kif ukoll bil-provediment ta' l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446, fatt dan li legalment ma jistax zgur ireggi.

Ghalhekk din il-Qorti nonostante l-fedina penali ta' l-akkuzat prezentata fl-atti thoss li stante dan l-izball m'ghandhiex tistrieh fuqha, in kwantu kif inghad ghall-kontenut tas-sentenza esebita.

Ghaldaqstant issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuza ta' ricettazzjoni wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 u qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt xhur sospiza ghal sena wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------